

Brussell, 20 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15867/22

ENT 172
MI 926
CHIMIE 102
ENV 1279
SAN 658
IND 548
COMPET 1014

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 8854 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 8.12.2022 li tistabbilixxi qafas ta' valutazzjoni Ewropew għal sustanzi kimiċi u materjali "sikuri u sostenibbli mid-disinn"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2022) 8854 final.

Mehmuż: C(2022) 8854 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2022
C(2022) 8854 final

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 8.12.2022

li tistabilixxi qafas ta' valutazzjoni Ewropew għal sustanzi kimiċi u materjali “sikuri u sostenibbli mid-disinn”

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 8.12.2022

li tistabbilixxi qafas ta' valutazzjoni Ewropew għal sustanzi kimiċi u materjali "sikuri u sostenibbli mid-disinn"

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹ jistabbilixxi erba' għanijiet ta' politika interkonnessi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija u soċjetà sostenibbli: in-newtralità klimatika, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u ambizzjoni ta' tniġġis żero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.
- (2) L-Istrateġija tal-UE għall-finanzi sostenibbli² għandha l-għan li tappoġġa l-finanzjament tat-tranżizzjoni għal ekonomija sostenibbli.
- (3) Ir-Regolament dwar it-Tassonomija³ jistabbilixxi erba' kundizzjonijiet li attivitá ekonomika trid tissodisfa sabiex tikkwalifika bħala ambjentalment sostenibbli. Jistabbilixxi wkoll sitt objettivi ambjentali, inkluża t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u l-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis.
- (4) Fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità⁴ (l-“Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà”), il-Kummissjoni ħabbet li se tiżviluppa kriterji “sikuri u sostenibbli mid-disinn” għas-sustanzi kimiċi u għall-materjali. Il-Kummissjoni se tinċentiva wkoll lill-Istati Membri, lill-industrija u lil partijiet ikkonċernati oħrajn biex jagħtu prijoritá lill-innovazzjoni għas-sostituzzjoni, kemm jista' jkun, ta' sustanzi ta' tħassib⁵ fis-setturi kollha, bħal pereżempju t-tessuti, il-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-materjali tal-kostruzzjoni, il-mobilitá b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, il-batteriji jew is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
- (5) Il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni⁶ dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, filwaqt li saħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati kriterji “sikuri u sostenibbli mid-disinn” biex jgħinu fil-prevenzjoni u fil-kontroll tat-tniġġis, itejbu t-traċċar ta' sustanzi kimiċi perikolużi fi prodotti, u jippromwovu s-sostituzzjoni tagħhom b'alternattivi aktar sikuri u aktar sostenibbli. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill

¹ COM(2019)640 final

² COM/2021/390 final

³ UE/2020/852

⁴ COM(2020)667 final

⁵ As definiti fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà (COM(2020)667 final).

⁶ Ir-rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-Istrateġija għas-Sostenibbiltà fir-rigward tas-Sustanzi Kimiċi (2020/2531(RSP)), https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0201_MT.pdf

dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà⁷ tal-15 ta' Marzu 2021 jistiednu wkoll lill-Kummissjoni tiżviluppa minnufih, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, definizzjonijiet armonizzati, ċari u preċiżi u, meta xieraq, kriterji jew prinċipji għall-kunċetti li huma kruċjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, bħal sustanzi kimiċi “sikuri u sostenibbli mid-disinn”.

- (6) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari⁸ jiddikjara li l-Kummissjoni se tappoġġa s-sostituzzjoni u l-eliminazzjoni ta' sustanzi perikolużi permezz tar-riċerka u tal-innovazzjoni.
- (7) Il-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero għall-ilma, l-arja u l-ħamrija⁹ u l-proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli¹⁰, jenfasizzaw l-impenn li jiġi żgurat li s-sustanzi kimiċi u l-materjali jkunu sikuri u sostenibbli kemm jista' jkun mid-disinn u matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, sabiex iċ-ċikli tal-materjali ma jkunux tossiċi.
- (8) L-ewwel referenza speċifika għas-settur għas-sikurezza u għas-sostenibbiltà mid-disinn tista' tinstab fl-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari¹¹. L-istrateġija tenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati kriterji “sikuri u sostenibbli mid-disinn” għas-sustanzi kimiċi u għall-materjali biex tiġi appoġġata l-industrija biex tissostitwixxi jew, jekk ma jkunx possibbli, timminimizza s-sustanzi ta' tħassib fil-prodotti tat-tessuti.
- (9) Iċ-ċittadini Ewropej jaraw ukoll il-ħtieġa li tittieħed azzjoni. Sħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020¹² juri li 84 % tal-Ewropej huma mħassba dwar l-impatt tas-sustanzi kimiċi preżenti fi prodotti ta' kuljum fuq saħħithom, u 90 % huma mħassba dwar l-impatt tas-sustanzi kimiċi fuq l-ambjent.
- (10) Diġà ġew identifikati diversi mijiet ta' sustanzi bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna taħt ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)¹³, u ħafna aktar sustanzi jistgħu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' sustanzi ta' tħassib fil-Proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti sostenibbli¹⁴.
- (11) It-tranżizzjoni għal sustanzi kimiċi u materjali li huma “sikuri u sostenibbli mid-disinn” tirrikjedi fehim komuni tal-aspetti tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà biex tkun ta' suċċess¹⁵. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żviluppat qafas Ewropew ta' valutazzjoni għal sustanzi kimiċi u materjali “sikuri u sostenibbli mid-disinn”, li jista' jgħin fid-definizzjoni ta' kriterji ta' sikurezza u sostenibbiltà, biex tiġi ggarantita l-koerenza bejn l-atturi, is-setturi u l-ktajjen tal-valur.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill 6941/21 tal-15 ta' Marzu 2021, Sustainable Chemicals Strategy of the Union: Time to Deliver, <https://www.consilium.europa.eu/media/48827/st06941-en21.pdf>

⁸ COM(2020)98 final

⁹ COM(2021)400 final

¹⁰ COM(2022)142 final

¹¹ COM(2022)141 final

¹² Sħarriġ tal-Ewrobarometru (2020) Attitudes of Europeans towards the Environment – Marzu 2020, <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2257>

¹³ <https://echa.europa.eu/candidate-list-table>

¹⁴ COM(2022)142 final

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea 2021, Mapping study for the development of Sustainable by Design criteria, <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/f679c200-a314-11eb-9585-01aa75ed71a1/language-en>

- (12) Il-qafas previst jenħtieġ li jagħmilha possibbli li jiġu vvalutati b'mod komprensiv is-sikurezza u s-sostenibbiltà tas-sustanzi kimiċi u tal-materjali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u li jiġu appoġġati d-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' sustanzi kimiċi u materjali li jipprovdu funzjoni jew servizz mixtieq filwaqt li jkunu sikuri u sostenibbli. L-applikazzjoni tal-qafas se tagħmel possibbli d-definizzjoni ta' kriterji "sikuri u sostenibbli mid-disinn" li jenħtieġ li jgħinu biex jiġu stabbiliti standards għoljin għas-sikurezza u għas-sostenibbiltà tas-sustanzi kimiċi u tal-materjali.
- (13) Ir-rieżami tad-dimensjonijiet, tal-aspetti, tal-metodi, tal-indikaturi u tal-għodod tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà¹⁶, li huwa l-bażi tal-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għalkemm jirreferi għal għadd ta' aspetti addizzjonali mis-sostenibbiltà soċjoekonomika, jiffoka l-aktar fuq is-sikurezza kimika u s-sostenibbiltà ambjentali. Jistgħu jkunu meħtieġa valutazzjonijiet tal-aspetti soċjoekonomiċi, lil hinn minn dawk diġà kkunsidrati, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali u jkunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati, b'mod partikolari meta tiġi promossa s-sostituzzjoni. Tali kunsiderazzjonijiet jistgħu jitqiesu fl-applikazzjoni tal-qafas, kull meta jkun rilevanti.
- (14) L-għan previst tal-qafas "sikuri u sostenibbli mid-disinn" huwa li jkun fuq quddiem nett fir-riċerka u l-innovazzjoni, u li jippromwovi l-użu tal-aktar għarfien xjentifiku reċenti biex jintlaħqu l-oġġetti livelli ta' ambizzjoni għas-sikurezza u għas-sostenibbiltà fl-innovazzjoni.
- (15) Il-qafas jenħtieġ li jkollu l-għan li jsir referenza globali għall-innovazzjoni fl-ilħuq tat-tranżizzjoni industrijali ekoloġika; għas-sostituzzjoni kemm jista' jkun tal-produzzjoni u tal-użu ta' sustanzi ta' tħassib; għall-promozzjoni tal-użu ta' riżorsi u materja prima sostenibbli għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi u materjali; għall-minimizzazzjoni tal-impatt tal-produzzjoni u tal-użu ta' sustanzi kimiċi u materjali, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, fuq il-klima, fuq l-ambjent, u fuq is-saħħa tal-bniedem; u għat-tmexxija tal-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-industrija u tal-awtoritajiet pubbliċi fid-direzzjoni t-tajba.
- (16) Din ir-Rakkomandazzjoni tipproponi qafas Ewropew "sikuri u sostenibbli mid-disinn", bħala punt ta' referenza għall-Istati Membri, għall-industrija, għad-dinja akkademika, għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija (RTOs) u għall-korpi li jipprovdu parametri referenzjarji għal sustanzi kimiċi u materjali sikuri u sostenibbli.
- (17) Din ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi perjodu ta' ttestjar għall-qafas b'mekkaniżmu ta' rapportar volontarju għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati matul dan il-perjodu ta' ttestjar. Se jitnieda proċess ta' reviżjoni tal-qafas sa mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu tal-ittestjar. Abbażi tal-feedback miġbur matul il-perjodu tal-ittestjar, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tinkludi fil-valutazzjoni aspetti addizzjonali tas-sikurezza u tal-ambjent, kif ukoll aspetti ta' sostenibbiltà ekonomika u soċjali bħala aspett addizzjonali meta jkun rilevanti.
- (18) Kif enfasizzat fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, investimenti pubbliċi u privati akbar fil-forniment ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli, u kapaċità akbar għall-innovazzjoni min-naħa tal-industrija tas-sustanzi kimiċi, se jkunu vitali għall-iżvilupp

¹⁶ Caldeira, C., et al. Safe and Sustainable by Design chemicals and materials. Review of safety and sustainability dimensions, aspects, methods, indicators, and tools, EUR 30991 EN, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-47560-6 (online), doi:10.2760/879069 (online), JRC127109. 2022

ta' soluzzjonijiet ġodda u għall-appoġġ kemm tat-tranżizzjoni ekoloġika kif ukoll ta' dik diġitali. Għalhekk, il-viżjoni għall-2030 li hija l-bażi wara din ir-Rakkomandazzjoni jenħtieġ li tiżgura li l-inizjattivi Ewropej, nazzjonali u internazzjonali futuri għal sustanzi kimiċi u materjali sikuri u sostenibbli jissejsu fuq il-qafas propost. Il-Kummissjoni se tippromwovi din ir-Rakkomandazzjoni f'fora internazzjonali.

- (19) Biex tipprovdi inċentivi għall-ittestjar tal-qafas u, b'mod partikolari, tindirizza s-sustanzi ta' tħassib, il-Kummissjoni se tappoġġa l-perjodu tal-ittestjar. Dan se jsir b'mod partikolari permezz ta' azzjonijiet fil-programm qafas Orizzont Ewropa għall-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi u materjali "sikuri u sostenibbli mid-disinn", u l-iżvilupp u t-titjib ta' metodi ta' ttestjar u għodod ta' valutazzjoni biex jiġu estiżi l-possibbiltajiet ta' valutazzjoni li l-qafas irid joffri.
- (20) Il-Kummissjoni żviluppat ukoll Pjan Strateġiku ta' Riċerka u Innovazzjoni għal sustanzi kimiċi u materjali sikuri u sostenibbli¹⁷, li jidentifika oqsma ewlenin ta' riċerka u innovazzjoni fiċ-ċiklu tal-ħajja (disinn, produzzjoni, użu u rimi/riċiklaġġ/rimedju) ta' sustanzi kimiċi u materjali biex tiġi ffaċilitata u appoġġata fil-livell Ewropew u nazzjonali it-tranżizzjoni industrijali lejn sustanzi kimiċi u materjali sikuri u sostenibbli.
- (21) Il-Kummissjoni, konxja mid-*data* meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-qafas previst, se tkompli tippromwovi *data* (FAIR) traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa wkoll pjattaforma komuni tad-*data* tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi¹⁸ biex tiffaċilita l-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu mill-ġdid tad-*data* eżistenti użata fl-atti legali tal-Unjoni relatati mas-sustanzi kimiċi.
- (22) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li l-qafas "sikuri u sostenibbli mid-disinn" previst jaqdi l-ħtiġijiet taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tas-suq uniku għas-sustanzi kimiċi u għall-materjali, fejn hemm bżonn ta' fehim komuni fil-livell Ewropew tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà għas-sustanzi kimiċi u għall-materjali. Din tirrispetta wkoll il-prinċipju tal-proporzjonalità peress li tgħaqqad l-istabbiliment tal-qafas ma' perjodu tal-ittestjar b'mezzi mhux legalment vinkolanti, mingħajr ma tnaqqas l-attenzjoni minn kwalunkwe leġiżlazzjoni eżistenti jew futura (tal-Unjoni) dwar is-sustanzi kimiċi u l-materjali.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. SKOP U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

- 1.1. Din ir-Rakkomandazzjoni tipproponi li jiġi stabbilit qafas Ewropew għal sustanzi kimiċi u materjali "sikuri u sostenibbli mid-disinn" għall-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni. Id-dettalji tal-perjodu tal-ittestjar u tal-qafas, ibbażati fuq rapporti tekniċi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni^{19,20}, huma indikati fl-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

¹⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, Strategic Research and Innovation Plan for Safe and Sustainable Chemicals and Materials, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, ISBN 978-92-76-49115-6, doi 10.2777/876851

¹⁸ COM(2020)667 final

¹⁹ Caldeira C., Farcal L., Moretti, C., et al. Safe and Sustainable by Design chemicals and materials. Review of safety and sustainability dimensions, aspects, methods, indicators, and tools, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-47560-6, doi:10.2760/879069

- 1.2. Il-qafas previst jikkonsisti f'metodi għall-valutazzjoni tal-aspetti tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà ta' sustanza kimika jew materjal. Ir-risultati miksuba mill-applikazzjoni tal-qafas se jagħmluha possibbli li jiġu ddefiniti kriterji "sikuri u sostenibbli mid-disinn", inklużi sistemi ta' għoti ta' punteġġ u limiti żviluppati abbażi tar-risultati miksuba. Il-proċess tad-definizzjoni tal-kriterji se jitnieda flimkien mar-reviżjoni tal-qafas. L-iskop ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li jitnieda l-ittestjar tal-qafas ta' valutazzjoni u li jinkiseb feedback sabiex ikunu jistgħu jittejjbu r-rilevanza, l-affidabbiltà u l-operabbiltà.
- 1.3. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri, lill-industrija, inklużi lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), lid-dinja akkademika u lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija (RTOs) li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi u materjali jew jaħdmu fuqhom. Hija tistedinhom jużaw il-qafas fil-programmi u l-attivitajiet tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni relatati mas-sustanzi kimiċi jew mal-materjali. Huma mħeġġa wkoll jirreferu għall-qafas fid-dokumenti ta' politika jew ta' strateġija rilevanti.
- 1.4. L-Istati Membri, l-industrija, id-dinja akkademika u l-RTOs jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-metodi, il-mudelli u d-*data* prodotti u użati meta jiġi applikat il-qafas ikunu jaqblu mal-prinċipji ta' gwida ta' *data* traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli (FAIR).

2. UŻI MILL-ISTATI MEMBRI

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- 2.1. Jippromwovu l-qafas fil-programmi nazzjonali tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni, u b'hekk jappoġġaw il-perjodu tal-ittestjar bl-applikazzjonijiet u bil-każijiet ta' użu.
- 2.2. Iżidu d-disponibbiltà ta' *data* FAIR ta' kwalità għolja għall-valutazzjoni tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà billi jinkorporaw dan l-aspett fil-programmi nazzjonali tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni u f'politiki relatati, meta jkun rilevanti.
- 2.3. Jappoġġaw it-titjib tal-metodi, tal-mudelli u tal-ġhodod ta' valutazzjoni, u jagħmlu dawk ġodda disponibbli, biex jiġu integrati fil-qafas sabiex tittejjeb il-valutazzjoni tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà.
- 2.4. Jappoġġaw l-iżvilupp ta' kurrikuli edukattivi biex jiġi żgurat it-tagħlim tal-ħiliet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-qafas.

3. UŻI MILL-INDUSTRIJA, MID-DINJA AKKADEMIKA U MILL-RTOs:

L-industrija (inklużi l-SMEs), id-dinja akkademika u l-RTOs huma mħeġġa:

- 3.1. Jużaw il-qafas fil-proċessi tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom għall-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi jew materjali, u b'hekk jappoġġaw il-perjodu tal-ittestjar.
- 3.2. Jagħmlu disponibbli *data* FAIR ta' kwalità għolja għall-valutazzjoni tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà, mingħajr ma jinkisru d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u, jekk ikun rilevanti, kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà.

²⁰ Caldeira C., Farcal L., Garmendia, I., et al., Safe and sustainable by design chemicals and materials: Framework for the definition of safe and sustainable by design criteria for chemicals and materials, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2022, ISBN 978-92-76-53264-4, doi: 10.2760/487955

- 3.3. Jappoġġaw l-iżvilupp u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' metodi, mudelli u għodod ġodda ta' valutazzjoni li jistgħu jiġu integrati fil-qafas biex tittejjeb il-valutazzjoni tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà.
- 3.4. Jappoġġaw l-iżvilupp ta' kurrikuli ta' taħriġ professjonali u edukattivi biex jiġi żgurat it-tagħlim tal-ħiliet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-qafas.
4. RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONI:
- 4.1. L-Istati Membri, l-industrija, id-dinja akkademika u l-RTOs huma mħeġġa jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni matul il-perjodu tal-ittestjar.
- 4.2. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar tagħhom, il-Kummissjoni se tagħmel mudell ta' rapportar disponibbli. L-informazzjoni trammessa jenħtieġ li tinkludi dan li ġej.
- Kif l-Istati Membri, l-industrija, l-universitajiet u l-RTOs jużaw il-qafas fil-programmi, fl-attivitajiet u f'affarijiet oħrajn tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħhom.
 - Inizjattivi u każijiet ta' użu għall-ittestjar tal-qafas.
 - Inizjattivi għall-iżvilupp ta' metodi, mudelli u għodod ġodda għall-valutazzjoni tas-sikurezza u tas-sostenibbiltà u kif jistgħu jiġu aċċessati u użati l-eżiti tagħhom.
 - Inizjattivi għall-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi u materjali "sikuri u sostenibbli mid-disinn".
 - Rapporti ta' valutazzjoni li jippreżentaw ir-riżultati miksuba mill-ittestjar tal-qafas.
 - Problemi u konġestjonijiet identifikati bl-użu tal-qafas
 - Informazzjoni dwar l-istabbiliment ta' sistemi ta' punteġġ u limiti li jistgħu jappoġġaw l-istabbiliment ta' kriterji "sikuri u sostenibbli mid-disinn" f'qafas rivedut.

Magħmul fi Brussell, 8.12.2022

*Għall-Kummissjoni
Mariya GABRIEL
Membru tal-Kummissjoni*

